Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2024.

Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti

L-Ingilterra u Wales

1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

L-eżekuzzjoni hija azzjoni ssanzjonata mill-qorti meħuda sabiex iġġiegħel lid-debituri jikkonformaw mal-mandati tal-qorti.

Taħt l-ordinament ġuridiku tal-Ingilterra u ta' Wales, l-għażla tal-metodu ta' eżekuzzjoni hija għalkollox f'idejn il-kreditur kanonizzat.

Meta jagħżel liema metodu għandu juża, kreditur jeħtieġlu jikkunsidra jekk:

huwiex probabbli li jikseb flusu u t-tariffa tal-qorti mingħand il-konvenut;

il-konvenut għandux jagħti flus lil persuni oħra jew għandux sentenzi oħra mill-qorti tal-kontea (county court);

il-konvenut huwiex is-sid ta' kwalunkwe oġġetti jew assi li jistgħu jittieħdu u jinbiegħu f'subbasta;

il-konvenut jaħdimx;

il-konvenut għandux qligħ ieħor, bħal introjtu minn investimenti;

il-konvenut għandux bank, soċjetà kreditizja (building society) jew kont ieħor;

il-konvenut huwiex sid ta' proprjetà (dar); jew

hemmx ħaddieħor li għandu jagħti flus lill-konvenut.

Issegwi informazzjoni dwar it-tipi differenti ta' miżuri ta' eżekuzzjoni. Jenħtieġ li kreditur kanonizzat jagħżel dik il-miżura ta' eżekuzzjoni li permezz tagħha jkun l-aktar probabbli li jikseb il-flus dovuti lilu.

Qorti ma tistax tiggarantixxi li l-kreditur kanonizzat jieħu flusu lura, u għal kwalunkwe azzjoni meħuda trid titħallas tariffa tal-qorti. Għalkemm il-qorti żżid it-tariffa mal-flus li l-konvenut diġà jkollu jagħti, il-qorti ma tistax tirritorna dak li l-kreditur ikun ħallas jekk ma jiħux il-flus mingħand il-konvenut. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn fuljett dwar il-proċeduri ta' eżekuzzjoni.

Informazzjoni ġenerali għal kreditur tista' tinkiseb mill-gwida Kif Tippreżenta Talba għall-Flus Quddiem Qorti.

Informazzjoni ġenerali għal debitur tista' tinkiseb mill-gwidi li ġejjin:

Sentenzi tal-qrati tal-kontej (county courts) għad-dejn

Kif twieġeb għal talba tal-qorti għall-flus

Kif Tippreżenta Talba għall-Flus Quddiem Qorti

It-tipi differenti ta' metodi ta' eżekuzzjoni huma:

Teħid ta' kontroll fuq l-oġġetti (fil-passat magħrufa bħala Distraint/execution)

Il-qbid ta' oġġetti għat-tneħħija u għall-bejgħ eventwali possibbli f'subbasta sabiex jiġu koperti l-ispejjeż ta' dejn ta' sentenza.

Sabiex tinkiseb eżekuzzjoni billi jittieħed kontroll tal-oġġetti, huwa meħtieġ li jsir rikors quddiem qorti għal mandat ta' kontroll. Mandat jista' biss jgħin jekk il-konvenut ikollu:

biżżejjed oġġetti fl-indirizz mogħti mill-kreditur kanonizzat li jistgħu jinbiegħu b'subbasta sabiex jinġabru l-flus; jew

il-flus kollha mitluba inklużi fil-mandat (sabiex l-oġġetti ma jkunux jistgħu jinbiegħu).

Qabel ma l-qorti tkun tista' toħroġ il-mandat, il-konvenut jeħtieġlu:

ikun naqas milli jħallas l-ammont li kien ordnat iħallas; jew

ikun qabeż tal-anqas pagament wieħed tiegħu.

L-uffiċjali ġudizzjarji (bailiffs) mhux dejjem ikunu jistgħu jneħħu u jbigħu l-oġġetti tal-konvenut. Pereżempju, ma jistgħux ineħħu oġġetti essenzjali tad-dar u għodod tan-negozju jew oġġetti soġġetti għal ftehimiet ta' lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri jew ta' kiri. L-uffiċjal ġudizzjarju (bailiff) ma jiħux l-oġġetti tal-konvenut jekk ma jkunux jiswew biżżejjed sabiex jilħqu l-ammont stipulat fil-mandat wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tat-teħid u tal-bejgħ tal-oġġetti. L-oġġetti mibjugħa f' subbasta spiss jiġbru biss sehem mill-valur oriġinali tagħhom. Barra minn hekk, l-oġġetti tal-konvenut jistgħu jkunu diġà ġew issekwestrati minn uffiċjali ġudizzjarji (bailiffs) li jaġixxu taħt mandat ieħor.

Aktar informazzjoni dwar il-mandati ta' kontroll tista' tinkiseb fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice).

Mandati ta' sekwestru tal-qligħ

Skont dan il-metodu ta' eżekuzzjoni, jinkiseb mandat li permezz tiegħu titnaqqas somma fissa mill-pagi jew mis-salarju tad-debitur kanonizzat b'mod regolari fil-jum li jitħallas u din tintbagħat direttament lill-kreditur kanonizzat.

Il-konvenut irid ikun impjegat minn xi ħadd qabel ma jkun jista' jinħareġ mandat ta' sekwestru tal-qligħ. Ma jistax jinħareġ mandat jekk il-konvenut ikun qiegħed jew jaħdem għal rasu. Barra minn hekk, il-qorti jaf ma tkunx tista' toħroġ mandat, jew tista' toħroġ biss mandat sabiex titħallas lura f'pagamenti parzjali żgħar, jekk l-ispejjeż tal-għajxien tal-konvenut ikunu akbar minn dak li jkun jaqla'.

Aktar informazzjoni dwar il-mandati ta' sekwestru tal-qligħ tista' tinkiseb fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice).

Mandati li joħolqu piż ("charging orders") – li jinkludu mandati għall-bejgħ u mandati ta' waqfien

Mandat li joħloq piż jimpedixxi lill-intimat milli jbigħ l-assi tiegħu (bħall-proprjetà, l-art jew l-investimenti) mingħajr ma jħallas dak li huwa dovut lill-kreditur kanonizzat. Il-kreditur kanonizzat jitħallas jew mir-rikavat tal-bejgħ meta l-kreditur kanonizzat jbigħ il-proprjetà jew mir-rikavat tal-patrimonju meta jmut id-debitur kanonizzat. Dan il-proċess jista' jinvolvi wkoll żewġ tipi oħra ta' mandat tal-qorti. L-ewwel hemm il-mandat għall-bejgħ, li bih il-qorti tista' ġġiegħel il-bejgħ tal-oġġetti ta' proprjetà immobbli taħt mandat li joħloq piż. It-tieni nett, hemm mandat ta' waqfien, li jipprevjeni lil debitur kanonizzat milli jiddisponi minn oġġetti ta' proprjetà immobbli sabiex jevita milli jinfetħu proċeduri ta' mandat li joħloq piż kontrih.

Aktar informazzjoni dwar il-mandati li joħolqu piż tista' tinkiseb fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice).

Mandati ta' dejn ta' partijiet terzi [fi-imgħoddi magħrufa bħala proċeduri ta' sekwestru (garnishee proceedings)]

Skont dan il-metodu ta' eżekuzzjoni, jinkiseb mandat li bih il-kontijiet tal-bank tad-debitur kanonizzat jiġu ffriżati fuq ordni tal-qorti. Imbagħad, ammont sabiex ikopri d-dejn kanonizzat jiġi awtomatikament ittrasferit lill-kreditur kanonizzat sabiex isalda d-dejn. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed fondi fil-kontijiet tal-bank sabiex ikopru d-dejn, allura dawk il-fondi li jkunu disponibbli jintużaw sabiex tal-anqas jitħallas lura ftit mill-ammont dovut.
Aktar informazzjoni dwar il-mandati ta' dejn ta' parti terza tista' tinkiseb fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice).
Dan il-filmat jipprovdi aktar informazzjoni.

Proċedimenti ta' falliment

Jekk l-ammont dovut jilħaq tal-anqas il-£5,000, kreditur kanonizzat jista' jressaq rikors sabiex jiġi ddikjarat il-falliment tal-konvenut. Dawn il-proċedimenti jistgħu jinfetħu kemm quddiem il-qorti tal-kontea (county court) kif ukoll quddiem il-Qorti Superjuri (High Court). Madankollu, dawn jistgħu jkunu jinvolvu ħafna spejjeż.

Mandati sabiex tinkiseb informazzjoni [fl-imgħoddi magħrufa bħala eżaminazzjonijiet orali (oral examinations)]

Għalkemm minnha nnifisha mhijiex metodu ta' eżekuzzjoni, din il-proċedura tippermetti li d-debituri tas-sentenzi jiġu interrogati għal informazzjoni dwar l-assi tagħhom, sabiex il-kreditur kanonizzat jkun jista' jagħmel għażla aktar informata dwar il-metodu ta' eżekuzzjoni li jkun jixtieq juża.
Aktar informazzjoni dwar il-mandati sabiex tinkiseb informazzjoni tista' tinkiseb fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice).

2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Il-Qorti Superjuri (High Court), il-qorti tal-kontea (county court) jew il-qorti tal-maġistrati hija kompetenti għall-eżekuzzjoni fl-Ingilterra u f'Wales. Il-Qorti Superjuri (High Court) u l-qorti tal-kontea (county court) jagħtu sentenzi filwaqt li l-qrati tal-maġistrati (magistrates courts) joħorġu mandati ta' responsabbiltà lill-awtoritajiet lokali.

3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

3.1 Il-proċedura

Huwa possibbli li jiġu eżegwiti kemm id-deċiżjonijiet ġudizzjarji kif ukoll dawk mhux ġudizzjarji. Mhux dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors għal mandat tal-qorti li tawtorizza l-eżekuzzjoni. Proċedimenti ta' teħid ta' kontroll ta' oġġetti jistgħu jsiru għal kera mhux imħallsa, għal taxxi, għal dazji doganali u tas-sisa u għal multi tal-ipparkjar mingħajr il-bżonn ta' kunsens ġudizzjarju minn qabel.
Kemm il-qorti tal-kontea (county court) kif ukoll il-Qorti Superjuri (High Court) huma kompetenti sabiex jordnaw l-eżekuzzjoni f'każijiet li fihom ikunu qatgħu sentenza. Madankollu, ta' min jinnota li uffiċjal ġudizzjarju (bailiff) ta' qorti tal-kontea (county court) ma jista' jeżegwixxi l-ebda ammont li jaqbeż il-£5000 [sakemm ma jkunx qed jeżegwixxi ftehim irregolat skont l-Att tal-1974 dwar il-Kreditu tal-Konsumatur (Consumer Credit Act 1974) li jista' jiġi eżegwit biss fil-qorti tal-kontea (county court)]. Is-sentenzi tal-qorti tal-kontea (county court) għal aktar minn £5000 iridu jiġu ttrasferiti lill-Qorti Superjuri (High Court) għal eżekuzzjoni minn Uffiċjal tal-Eżekuzzjoni. L-Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni fil-Qorti Superjuri (High Court) ma jistgħux jeżegwixxu sentenzi għal ammonti anqas minn £600.
Hemm proċedura li permezz tagħha l-krediturs tas-sentenza jistgħu jagħżlu li jittrasferixxu sentenzi tal-qorti tal-kontea (county court) ta' bejn £600 u £5000 lill-Qorti Superjuri (High Court) għall-eżekuzzjoni. Ta' min jinnota wkoll li ma hemm l-ebda proċedura għas-sekwestru tal-qligħ fil-Qorti Superjuri (High Court); sabiex jintuża dan il-metodu ta' eżekuzzjoni, kwistjoni trid tiġi rrinvjata lil qorti tal-kontea (county court).
Jekk talba tkun inħarġet permezz ta' Money Claim Online, talba għal mandat ta' eżekuzzjoni tista' ssir online wkoll.

L-istatus, ir-rwoli, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-aġenti tal-eżekuzzjoni

Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni tal-Qorti Superjuri (High Court) (li qabel kienu jissejħu Sheriffs) - Mill-1 ta' April 2004, l-Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni tal-Qorti Superjuri (High Court) saru inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-mandati tal-Qorti Superjuri (High Court). Dawn huma professjonisti tal-eżekuzzjoni maħtura mil-Lord Chancellor sabiex iwettqu l-eżekuzzjoni f'ċerti distretti postali. Huma jridu jissodisfaw bosta kriterji qabel ma jiġu kkunsidrati xierqa għall-ħatra, billi jkopru kwistjonijiet bħall-kwalifiki, l-integrità finanzjarja, is-sħubija f'assoċjazzjoni professjonali, u impenji għad-diversità u għal proċedura xierqa ta' kondotta u ta' dixxiplina. L-Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni tal-Qorti Superjuri (High Court) jistgħu jeżegwixxu sentenzi ta' flus tal-qrati tal-kontea (county courts) fejn l-ammont li jkun qed jintalab li jiġi eżegwit ikun jaqbeż is-£600 u l-kreditur jagħżel li jittrasferixxi d-dejn lill-Qorti Superjuri (High Court) għall-eżekuzzjoni.
L-uffiċjali ġudizzjarji (bailiffs) tal-qorti tal-kontea (county court), li huma impjegati mas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Maestà Tagħha (Her Majesty's Courts and Tribunals Service) u, għalhekk, impjegati taċ-ċivil, jittrattaw l-eżekuzzjoni tas-sentenzi u/jew il-mandati magħmula u rreġistrati fil-qrati tal-kontej (county courts). Huma jeżegwixxu l-mandati ta' kontroll, jieħdu pussess tal-art permezz ta' mandati ta' pussess u jirkupraw oġġetti taħt mandati għar-ritorn tal-oġġetti. Barra minn hekk, l-uffiċjali ġudizzjarji (bailiffs) tal-qorti tal-kontea (county court) iwettqu dmirijiet oħra, inkluża n-notifika personali ta' dokumenti u ta' mandati għal disprezz tal-qorti (warrants of committal).
L-aġenti ċċertifikati tal-eżekuzzjoni huma aġenti tal-eżekuzzjoni privati awtorizzati minn Imħallef li jippresjedi fil-qorti tal-kontea (county court). Huma jittrattaw il-qbid tal-oġġetti ta' kerrej minn sid il-kera sabiex jiżguraw il-ħlas ta' arretrati tal-kera mingħajr l-intervent tal-qorti. Taħt għadd ta' Atti oħra, l-aġenti ċċertifikati tal-eżekuzzjoni huma awtorizzati wkoll jeżegwixxu djun speċifiċi oħra bħat-taxxa tal-kunsill, rati mhux domestiċi eċċ.
Qrati tal-Maġistrati: L-uffiċjali tal-eżekuzzjoni ċivili huma responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-mandati tal-qorti tal-maġistrati. Huma jistgħu jaqbdu u jbigħu oġġetti sabiex jirkupraw l-ammont dovut skont multa jew avviż ta' piena komunitarja. Jistgħu wkoll jeżegwixxu mandati ta' arrest, ta' disprezz tal-qorti (committal), ta' detenzjoni u ta' kontroll maħruġa minn qorti tal-maġistrati (taħt xi waħda minn firxa ta' statuti, inklużi dawk li jkopru l-eżekuzzjoni ta' multi u ta' pieni komunitarji. Xi qrati tal-maġistrati jistgħu jagħżlu li jikkuntrattaw xogħol ta' eżekuzzjoni lil aġenti ċċertifikati tal-eżekuzzjoni.

L-użu ta' avukati jew ta' professjonisti legali oħra

Ma hemm l-ebda obbligu fuq il-kreditur li jagħmel it-talba tiegħu għall-eżekuzzjoni permezz ta' avukat jew kwalunkwe professjonist legali ieħor. Madankollu, il-proċeduri ta' eżekuzzjoni jistgħu jkunu kkumplikati, speċjalment fil-Qorti Superjuri (High Court). Għalhekk, il-krediturs jaf ikun jaqblilhom jieħdu parir mingħand avukat, ċentru tal-liġi jew Citizens Advice qabel ma jiftħu proċedura ta' eżekuzzjoni.

L-iskala tal-ispejjeż għall-eżekuzzjoni

Hemm tariffi differenti tal-qorti għal kull wieħed mill-metodi ta' eżekuzzjoni. Kif intqal aktar 'il fuq, għalkemm il-qorti żżid it-tariffa mal-flus li l-konvenut diġà jkun dovut jagħti, il-qorti ma tistax tirritorna dak li l-kreditur ikun ħallas jekk ma jiħux il-flus mingħand il-konvenut. It-tariffi kurrenti għall-metodi ta' eżekuzzjoni jistgħu jinkisbu mis-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice).

3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Kif imsemmi aktar 'il fuq, fl-Ingilterra u f'Wales l-għażla tal-metodu ta' eżekuzzjoni li għandu jintuża hija kollha f'idejn il-kreditur kanonizzat. Krediturs responsabbli li jkunu kisbu sentenza valida permezz tal-qrati u li jkunu għadhom ma tħallsux huma intitolati li jeżegwixxu dik is-sentenza bl-aktar mezzi xierqa disponibbli għalihom. Għalhekk, sakemm tkun fis-seħħ sentenza valida u jsir rikors xieraq, il-qorti obbligata ssegwi x-xewqat tal-kreditur u tuża l-metodu ta' eżekuzzjoni li jagħżel il-kreditur.

4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Tista' tittieħed azzjoni ta' eżekuzzjoni kontra l-assi li ġejjin:
Kontijiet tal-bank bl-użu tal-proċedura ta' mandat ta' dejn (jew ta' sekwestru) ta' parti terza.

Proprjetà mobbli tanġibbli bl-użu tat-teħid ta' kontroll tal-oġġetti
Mezzi tat-trasport irreġistrati bl-użu tat-teħid ta' kontroll tal-oġġetti
Proprjetà immobbli permezz tal-proċedura tal-mandat li joħloq piż.
Is-salarji jew il-pagi bl-użu tal-proċedura ta' sekwestru tal-qligħ.
L-uffiċjal ta' eżekuzzjoni jista' jieħu biss oġġetti li jappartjenu lill-konvenut jew li huma proprjetà konġunta. L-oġġetti fil-lista li ġejja huma eżentati
(a) oġġetti jew tagħmir (pereżempju għodod, kotba, telefowns, tagħmir tal-kompjuter u vetturi) li huma meħtieġa għall-użu personali mid-debitur fl-impjieg, fin-negozju, fil-kummerċ, fil-professjoni, fl-istudju jew fl-edukazzjoni tad-debitur, ħlief li f'kull każ il-valur aggregat tal-oġġetti jew tat-tagħmir li għalihom tiġi applikata din l-eżenzjoni ma għandux jaqbeż l-£1350;
(b) tali ħwejjeġ, friex, għamara, tagħmir tad-dar, oġġetti u provvedimenti li huma raġonevolment meħtieġa sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi domestiċi tad-debitur u ta' kull membru tal-familja tad-debitur, inkluż (iżda mhux ristretti għal) —
(i) cooker jew microwave;
(ii) friġġ;
(iii) magna tal-ħasil;
(iv) mejda tal-ikel kbira biżżejjed, u biżżejjed siġġijiet tal-mejda tal-ikel, fejn ipoġġu d-debitur u kull membru tal-familja tad-debitur;
(v) biżżejjed sodod u friex għad-debitur u għal kull membru tal-familja tad-debitur;
(vi) telefown wieħed b'linja fissa, jew jekk ma jkunx hemm telefown b'linja fissa fil-bini, mowbajl jew telefown tal-internet li jista' jintuża mid-debitur jew minn membru tal-familja tad-debitur;
(vii) kull oġġett jew tagħmir meħtieġ b'mod raġonevoli—
għall-kura medika tad-debitur jew ta' kwalunkwe membru tal-familja tad-debitur;
għas-sikurezza fid-dar fejn jabitaw; jew
għas-sigurtà tad-dar fejn jabitaw (pereżempju, sistema ta' allarm) jew għas-sigurtà ġod-dar fejn jabitaw;
(viii) biżżejjed bozoz jew fuklari, jew tagħmir ieħor imfassal sabiex jipprovdi faċilitajiet tad-dawl jew tat-tisħin, sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi tat-tisħin u tad-dawl tad-dar tad-debitur; u
(ix) kull oġġett jew tagħmir meħtieġ b'mod raġonevoli għall-indukrar ta'—
persuna li jkollha anqas minn 18-il sena;
persuna b'diżabilità; jew
persuna anzjana;
(c) klieb tal-assistenza (inklużi klieb ta' gwida, klieb tas-smigħ u klieb għal persuni b'diżabilità), klieb għat-trobbija tan-nagħaġ, klieb tal-għassa jew annimali domestiċi;
(d) vettura li fuqha tintwera baġġ valida ta' persuna b'diżabilità għaliex tintuża, jew li fir-rigward tagħha jkun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li tintuża, għall-ġarr ta' persuna b'diżabilità;
(e) vettura (kemm jekk tkun proprjetà pubblika jew le) li tkun qed tintuża, jew li fir-rigward tagħha jkun hemm raġunijiet sabiex wieħed jemmen li tkun qed tintuża għal skopijiet tal-pulizija, tat-tifi tan-nar jew tal-ambulanzi; u
(f) vettura li turi baġġ valida tal-British Medical Association jew baġġ oħra ta' emerġenza tas-saħħa għaliex qed tintuża għal finijiet ta' emerġenza tas-saħħa, jew li fir-rigward tagħha jkun hemm raġunijiet sabiex wieħed jemmen li qed tintuża għal dawk il-finijiet.
Kwalunkwe oġġett maqbud mill-uffiċjal ta' eżekuzzjoni irid ikun kapaċi li aktarx iġib il-flus f'subbasta. L-uffiċjali ta' eżekuzzjoni ma jaqbdux oġġetti jekk jaħsbu li mhumiex se jġibu biżżejjed flus sabiex iħallsu xi ħaġa skont il-mandat wara li jkunu tħallsu l-ispejjeż tat-tneħħija u tal-bejgħ tagħhom f'subbasta.
Għal mandati ta' sekwestru tal-qligħ, il-qorti tqis kemm il-konvenut jeħtieġ sabiex jgħix għall-ikel, għall-kera jew għas-self b'ipoteka u għal affarijiet essenzjali u sabiex iħallas kontijiet regolari, bħad-dawl. Din tissejjaħ ir-"rata ta' qligħ protett". Jekk il-konvenut jaqla' aktar mir-rata ta' qligħ protett, jinħareġ mandat.
Għal mandati ta' dejn ta' parti terza, debitur kanonizzat li ma jkunx jista' jiġbed flus mill-kont tiegħu ma' bank jew ma' soċjetà tal-bini u jiddikjara li hu jew il-familja tiegħu qed ibatu sabiex ilaħħqu mal-ispejjeż ordinarji tal-għajxien bħala riżultat ta' dan, jista' jressaq rikors quddiem qorti għal mandat ta' ħlas f' diffikultà li jippermetti li jsir ħlas wieħed jew aktar lil individwi speċifiċi.

4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Kemm għad-debituri kif ukoll għat-terzi, in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' mandati tal-qorti jwassal sabiex dawn ikunu jistgħu jġarrbu sanzjonijiet għal disprezz tal-qorti. Il-pieni li jistgħu jiġu imposti għal disprezz tal-qorti jinkludu "purging contempt" (jiġifieri apoloġija lill-imħallef fil-qorti bil-miftuħ), multi, u fl-aktar każijiet serji sa 14-il jum priġunerija.
Il-banek għandhom ċerti obbligi fir-rigward tal-iżvelar ta' informazzjoni u ta' sekwestru ta' kontijiet tal-bank. Meta bank jirċievi mandat ta' dejn ta' parti terza imposta fuq wieħed mill-klijenti tiegħu, il-bank ma jkollux bżonn jiżvela kemm hemm flus fil-kont. Jista' jiddikjara li ma hemmx flus fil-kont, li ma hemmx biżżejjed fondi sabiex jintlaħaq l-ammont kollu iżda li jista' jħallas parti minnu, jew li hemm biżżejjed fondi sabiex jintlaħaq l-ammont kollu mitlub. Hemm kwistjonijiet stretti ħafna relatati mal-protezzjoni tad-*data* li jirregolaw liema informazzjoni l-bank jista' jipprovdi minbarra din.

4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Il-mandati kollha jiddikjaraw it-tul ta' żmien li jingħata sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti jew sabiex tinżamm konformità mal-ordni tal-qorti, u jiddikjaraw ukoll il-pieni massimi li jistgħu jiġu imposti minħabba nuqqas ta' konformità ma' ordni tal-qorti.

5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Il-metodi ta' eżekuzzjoni bbażati fil-qorti (mandati li joħolqu piż, mandati ta' sekwestru tal-qligħ u mandati ta' dejn ta' parti terza) ilkoll jinvolvu proċess fuq żewġ stadji. L-istadju interim tal-proċess huwa purament funzjoni ġudizzjarja bbażata fuq il-karta, u d-debitur kanonizzat ma jagħti l-ebda kontribut għall-proċess f'dan l-istadju. Madankollu, sabiex mandati ta' sekwestru tal-qligħ u mandati ta' dejn ta' parti terza jimxu għall-istadju finali, trid issir seduta li d-debitur kanonizzat jkun mistieden jattendi għaliha li fiha huwa jagħti kwalunkwe raġuni dwar għaliex jenħtieġ li ma jipproċedix il-metodu ppjanat ta' eżekuzzjoni. Is-seduta "finali" issir fl-istess qorti fejn ikun ġie ppreżentat ir-rikors oriġinali għal dak il-metodu ta' eżekuzzjoni (sakemm ma jkunx speċifikament mitlub mod ieħor). Id-data tas-seduta tiġi nnotifikata lill-partijiet kollha ferm minn qabel, u fil-każijiet kollha jkun hemm ammont minimu fiss ta' żmien li jrid jgħaddi bejn l-istadju "interim", in-notifika tas-seduta "finali", u s-seduta "finali" stess, sabiex id-debitur (u kwalunkwe parti terza rilevanti u direttament involuta, eż. il-bank f'każ ta' mandat ta' dejn ta' parti terza) ikun jista' jħejji l-każ tiegħu. Jekk id-data tas-seduta "finali" ma tkunx konvenjenti għall-partijiet, jistgħu jitolbu li tiġi posposta għal data li tkun aktar konvenjenti għaż-żewġ naħat. Jekk dan iseħħ, il-mandat kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, iżda l-mandat ma jistax isir "eżekuttiv" qabel ma ssir dik is-seduta.
Għal mandati li joħolqu piż, mandat kawtelatorju jrid jiġi nnotifikat lid-debitur mill-kreditur u, sakemm id-debitur ma joġġezzjonax, il-mandat kawtelatorju jsir eżekuttiv mingħajr il-ħtieġa ta' seduta, sakemm l-imħallef ma jiddikjarax li jkun meħtieġ smigħ. Id-debitur irid iwieġeb lill-qorti fi żmien 10 ijiem mid-data tan-notifika tas-seduta. Jekk id-debitur joġġezzjona għall-mandat kawtelatorju, jew l-imħallef jittrasferixxi l-kwistjoni, il-kawża tiġi ttrasferita lill-qorti oriġinali fejn inqatgħet is-sentenza u tiġi stabbilita data tas-seduta. Kemm il-kreditur kif ukoll id-debitur jattendu s-seduta.

Ma jista' jsir l-ebda appell kontra d-deċiżjoni ladarba l-qorti tat l-ordni tagħha. F'ċirkustanzi xierqa, appelli jew talbiet għal annullament jistgħu jsiru biss rigward is-sentenza oriġinali li inizjalment tkun tat lill-kreditur l-awtorità li jitlob l-eżekuzzjoni. Huwa biss jekk is-sentenza tiġi kkontestata b'suċċess permezz ta' appell jew jekk tiġi annullata li l-proċess ta' eżekuzzjoni jkun jista' jiġi rrevokat minn qorti. Jekk tiġi ppreżentata oġġezzjoni għas-sentenza wara li qorti tkun awtorizzat talba ta' kreditur għall-eżekuzzjoni, mandat jista' jiġi sospiż fuq talba ppreżentata lill-qorti. L-uffiċjali ġudizzjarji (bailiffs) ma jistgħux jieħdu oġġetti, iżda jeħtiġilhom iżommu imposta fuqhom (jiġifieri jelenkaw dawk li aktar tard jistgħu jinqabdu u jittieħdu għall-bejgħ).
Sakemm kreditur ikun għamel rikors kif suppost għall-eżekuzzjoni quddiem qorti, dik il-qorti ma tistax tiċħad milli tawtorizza l-metodu ta' eżekuzzjoni magħżul mill-kreditur. Għalhekk, m'hemmx bżonn li l-kreditur ikollu mezz ta' appell kontra d-deċiżjoni li tilqa' l-miżura.

6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Mandat jew ordni ta' kontroll għandhom terminu ta' preskrizzjoni. Il-mandat u l-ordni huma validi għal 12-il xahar u jistgħu jiġu estiżi għal 12-il xahar oħra permezz ta' ordni tal-qorti.
Fil-proċedura ta' teħid ta' kontroll tal-oġġetti, debitur għandu jingħata notifika ċara ta' eżekuzzjoni ta' 7 ijiem sabiex jingħata l-opportunità li jħallas id-dejn u l-kostijiet qabel ma l-uffiċjal ta' eżekuzzjoni jkun jista' jieħu l-kontroll tal-oġġetti. Dan il-perjodu jista' jitnaqqas b'ordni tal-qorti jekk ikun hemm evidenza li d-debitur se jmexxi l-assi sabiex jevita l-eżekuzzjoni.
Uffiċjal ta' eżekuzzjoni ma jistax jieħu kontroll tal-oġġetti qabel is-6:00 jew wara d-21:00 meta d-debitur ikun individwu.
Uffiċjal ta' eżekuzzjoni ma jistax jidħol f'bini sabiex jieħu kontroll ta' oġġetti fejn persuna taħt l-età jew vulnerabbli (kemm jekk aktar minn waħda jew taħlita tat-tnejn) tkun l-unika persuna preżenti fil-bini li jinsabu l-oġġetti fih.
Meta d-debitur ikun persuna vulnerabbli, it-tariffa jew it-tariffi dovuti għall-istadju tal-eżekuzzjoni tat-teħid ta' kontroll tal-oġġetti ma jistgħux jiġu rkuprati sakemm l-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ma jkunx ta lid-debitur opportunità adegwata sabiex jikseb assistenza u pariri, qabel ma jipproċedi sabiex ineħħi l-oġġetti.

Ħoloq relatati

Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice)
Assoċjazzjoni għall-Eżekuzzjoni Ċivili (Civil Enforcement Association)
Assoċjazzjoni tal-Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni tal-Qorti Superjuri (High Court Enforcement Officers Association)

Din il-paġna web hija parti minn L-Ewropa Tiegħek.
Nilqgħu l-feedback tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

This webpage is part of an EU quality network

L-aħħar aġġornament: 22/10/2021
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.